**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 7 ta' Diċembru 2021**

**Rikors Nru. 1104/2019 GM**

**No Deposit Cars Malta Limited (C-85780)**

**vs**

**Shawn Carmenu Domnic Mallia (KI nru : 0423393)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat tas-soċjeta' No Deposit Cars Malta Limited (C-85780) li permezz tiegħu wara li ppremettiet illi :

**Dikjarazzjoni tal-Fatti.**

B'kuntratt ta' *hire and purchase* datat tlettax (13) ta' Marzu tas-sena elfejn u dsatax (2019) ("il-Kuntratt") (hawn anness u mmarkat bħala Dok. 'A'), il-konvenut xtara l-vettura Citroen D54 bix-Chassis number VF7NXHNYMHY523780 targata HBV495 (hawn aktar 'il quddiem bħala "il-Vettura");

Skont l-istess Kuntratt, il-konvenut kien ftiehem illi jħallas it-total ta' sittax-il elf u tmien mitt ewro (€16,800.00) b'pagamenti mensili ta' mitejn u tmenin ewro (€280.00) fix-xahar u dan fuq medda ta' ħames (5) snin (vide Klawsola 2.4 tal-Kuntratt kif ukoll il-Payment Schedule annessa u mmarkata bħala Dok 'B'). llli inoltre, il-konvenut iffirma sittin (60) kambjala ta' mitejn u tmenin ewro (€280.00) (hawn annessi u mmarkati bħala Dok'C');

ll-konvenut għamel pagament ta' mitejn u tmenin ewro (€280.00) fil-wieħed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019), kif ukoll pagament ieħor ta' mitejn u tletin ewro (€230.00) fl-ewwel (1) ta' Lulju tas-sena elfejn u dsatax (2019), u rritorna l-vettura mingħajr ebda raġuni valida u għaldaqstant iddekada mill-benefiċċju tat-terminu tal-ħlas tal-prezz;

Skont il-Klawsola 7.1.1 tal-Kuntratt: "Default in the punctual payment of any one (1) instalment by the Hirer, whether consecutive or not, and whether or not the Hirer is called upon by the Owner by any means to affect payment [...] the Owner shall demand immediate, payment of the outstanding balance, including all interest due till date of effective payment, all other fees and charges, that may have accrued and all other expenses the Owner may have incurred, including towage costs and legal expenses";

lnoltre skont il-Klawsola 7.1.2 tal-Kuntratt: "a breach of any condition of this agreement by the Hirer, the Owner shall demand immediate payment of the outstanding balance, including all interest due tilt dote of effective payment, all other fees and charges that may have accrued and all other expenses , the Owner may have incurred, including towage costs and legal expense";

Ghalhekk sal-lum il-bilanc dovut hu dak ta’ tmient elef,  mitejn u ghaxar centezmi (€8,210).

Talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-konvenut kiser l-kuntratt ta' *Hire and Purchase* datat tlettax (13) ta' Marzu tas-sena elfejn u dsatax (2019) bejn il-partijiet (Dok. 'A');

2. Tiddikjara li a tenur tal-Klawsola 7.1 tal-kuntratt ta' *Hire and Purchase* bejn il-partijiet (Dok. 'A'), il-konvenut iddekada mill-benefiċċju tat-

terminu tal-bilanċ tal-prezz dovut fuq il-bejgħ tal-Vettura Citroen DS4 bix-Chassis number VF7NXHNYMHY523780 targata HBV495;

3. Tiddikjara li l-konvenut huwa debitur tas-soċjeta` rikorrenti fl-ammont ta' tmient elef, mitejn u ghaxar centezmi (€8,210) rappreżentanti bilanċ dovut skont il-kuntratt ta' *Hire and Purchase* tat-tlettax (13) ta' Marzu tas-sena elfejn u dsatax (2019) (Dok. 'A');

4. Tikkundanna lill-konvenut biex iħallas lis-soċjeta' rikorrenti l-ammont ta' tmient elef, mitejn u ghaxar centezmi (€8,210);

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali sad-data tal-pagament finali kontra l-konvenut illi hu minn issa nġunt in subizzjoni.

Rat ir-Risposta Ġuramentata ta' Shawn Carmenu Domnic Mallia (K.I. Nru. 423393M) li permezz tagħha eċċepixxa illi :

L-eċċipjent jilqa' għat-talbiet attriċi billi jisħaq li dawn għandhom jiġu sommarjament miċħuda bl-ispejjeż stante li, mhux talli huma infondati fil-fatt u fid-dritt, iżda talli jirrażentaw il-fieragħ u l-vessatorju, u dan għas-segwenti raġunijiet u għal dawk kollha li sejrin jirriżultaw mit-trattazzjoni ta' dawn il-proċeduri;

1. Preliminarjament bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet segwenti, u dawk li jistgħu jiġu mqanqla fil-kors tal-proċeduri, Luke Milton (K.1. Nru. 174496M) għandu jagħti prova sħiħa u sodisfaċenti tal-mandat u l-kapaċita` tiegħu li jirraprezenta lis-soċjeta' No Deposit Cars Malta Limited (C-85780) f'dawn il-proċeduri u dan fil-mument li ġew intavolati;

2. Fil-mertu jingħad li ebda ammont ma huwa dovut lis-soċjeta' attriċi mill-eċċipjent billi l-kuntratt ta' *hire and purchase* datat tlettax (13) ta' Marzu tas-sena elfejn u dsatax (2019) ġie terminat tant li s-soċjeta' attriċi ħadet lura l-pusess tal-vettura tal-għamla Citroen DS4, bix-Chassis Number VF7NXHNYMHY523780 targata HBV-495;

3. B'hekk għandu jirriżulta li permezz tal-azzjoni odjerna s-soċjeta' attriċi qiegħda tipprova tarrikixxi ruħha b'mod indebitu a skapitu tal-eċċipjent u b'abbuż manifest tas-sistema ġudizzjarja, u dan billi titlob il-bilanċ tal-prezz tal-vettura *de quo agitur* nonostante li din ġiet ritornata lilha:

4. Il-vettura *de quo agitur* ġiet ritornata lis-soċjeta` attriċi billi kienet afflitta minn numru ta' difetti pre-eżistenti, gravi, okkulti u li fissru li ma setax isir użu minnha skont id-destinazzjoni tagħha. Is-soċjeta' attriċi da

parte tagħha mhux biss aċċettat li tieħu l-vettura lura iżda saħansitra għaddhiet biex sussegwentement tbiegħ l-istess vettura lil terzi:

5. Bit-terminazzjoni tal-kuntratt ta' *hire and purchase* l-partijiet kellhom jirrivertu għall-pożizzjoni tagħhom *status quo antae* b'dan li s-soċjeta' attriċi kellha tirrifondi lill-eċċipjent il-pagamenti li kien laħqu ġew minnu mwettqa kif ukoll il-valur tal-vettura tat-tip 'Toyota Fun Cargo' li kienet ġiet minnu mogħddija lis-soċjeta` attriċi akkont tal-prezz;

6. Huwa manifest *res ipsa loquitur* li s-soċjeta` attriċi naqset milli teżegwixxi l-patti kuntrattwali milħuqa mal-eċċipjent bil-*buona fede* u anzi qed tittenta tapprofitta ruħha minnu billi tippromwovi din l-azzjoni msejsa fuq kawżali abbużivi u illeċiti;

7. Għalhekk l-eċċipjent jisħaq li t-talbiet attriċi mhux biss għandhom jiġu sommarjament miċħuda iżda talli hemm lok ukoll li l-eċċipjent jipprevalixxi ruħu mill-Artikolu 396 tal-Kodiċi tal-Orgnizazzjoni u l-proċedura ċivili, Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

8. Mingħajr preġudizzju għal dak s'issa eċċepit, is-soċjeta` attriċi teħtieġ f'kull każ li tipprova, in virtu tal-Artikoli 558, 559 u 562 tar-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u l-Proċedura Ċivili. Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, dak minnha pretiż.

Rat il-**Kontro-Talba** ta' Shawn Carmenu Domnic Mallia (K.I. Nru. 423393M) li permezz tagħha talab illi :

**Dikjarazzjoni dwar l-Oġġett u l-Fatti tal-Kawżi**

1. L-esponent qiegħed jipprevalixxi ruħu mill-fakulta` mogħtija lilu mill-Artikolu 396 tal-Kodiċi tal-Organizazzjoni u l-Proċedura Ċivili, Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex iressaq it-talbiet rikonvenzjonali tiegħu;

2. Perrnezz ta' kuntratt ta' *hire and purchase* datat tlettax (13) ta' Marzu tas-sena elfejn u dsatax (2019) ir-rikonvenzjonant akkwista mingħand is-soċjeta' rikonvenzjonata l-vettura tal-għamla 'Citroen DS4' bix-Chassis Number VF7NXHNYMHY523780 targata 'HBV-495' ;

3. Il-prezz pattwit għall-vettura kien ta' sittax il-elf u tmien mitt ewro (€16.800), minn liema prezz kellhom jitnaqqsu l-ammont ta' elfejn ewro (€2.000) rappreżentanti l-valur tal-vettura tal-għamla 'Toyota Fun Cargo' li kienet tar-rikonvenzjonant u li ġiet mogħddija lis-soċjeta` rikonvenzjonanta bħala ħlas akkont tal-prezz tal-vettura 'Citroen DS4';

4. Ulterjorment ir-rikonvezjonant wettaq diversi pagamenti akkont tal-prezz tal-vettura 'Citroen DS4' kif ukoll il-ħlasijiet relattivi għall-polza tal-assikurazzjoni u tal-liċenzja, u dan fl-ammont kumplessiv ta' ċirca elfejn ewro (€2,000) jew somma verjuri li sejra tirriżulta mit-trattazzjoni ta' dawn il-proċeduri;

5. Irriżulta li l-vettura tal-għamla 'Citroen DS4' ikkonsennjata lir-rikonvenzjonant kienet afflitta minn multipliċita ta' difetti gravi, okkulti u pre-eżistenti iżda li r-rikonvenzjonant ma setax b' diliġenza ordinarja jsir jaf bihom qabel ma ġiet lilu kkonsenjata l-vettura;

6. Fil-fatt l-estent tad-difetti kien tali li r-rikonvenzjonant ma setax jagħmel użu mill-vettura skont id-destinazzjoni tagħha;

7. Għalhekk ir-rikonvenzjonant ma kellu ebda għażla għajr li jirritorna l-vettura fil-pussess tas-soċjeta' rikonvenzjonata biex b'hekk jiġu rifużi l-pagamenti kollha minnu mwettqa kif ukoll jingħata r-rimbors tal-flus imħallsa għal-liċenżja u l-polza tal-assikurazzjoni tal-vettura 'Citroen DS4';

8. Is-soċjeta' rikonvenzjonata mhux talli naqset milli tirrifondi l-flus dovuti lir-rikonvenzjonant iżda talli biegħet minn rajha l-vettura 'Citroen DS4' lil terzi u kontestwalment ipproċediet b' kawża kontra r-rikonvenzjonant għall-ħlas tal-bilanċ tal-prezz tal-istess vettura!

9. Fil-frattemp ir-rikonvenzjonant kien kostrett jagħmel numru ta' spejjeż direttament konsegwenzjali għan-nuqqasijiet imputabbli lis-soċjeta' rikonvenzjonata li tirrispetta l-obbliġi tagħha, b'dan li r-rikonvenzjonant sofra numru ta' danni, u dan kif ser jirriżulta ampjament fil-mori tal-proċeduri;

10. Għalhekk ir-rikonvenzjonant kellu jirrikorri għal dawn il-proċeduri;

Talab lil din il-Qorti sabiex:

i. Tiddeċiedi u tiddikjara li l-vettura tal-għamla 'Citroen DS4' bix-Chassis Number VF7NXHNYMHY523780 targata 'HBV-495' kienet afflitta minnn difetti gravi, okkulti u pre-eżistenti li rrendewha mhux tajba għall-użu li għalih hija maħsuba;

ii. Tiddeċiedi u tiddikjara li għar-raġunijiet fuq premessi s-soċjeta' rikonvenzjonata kisret il-kundizzjonijiet pattwiti bejn il-partijiet dwar il-

bejgħ u l-konsennja tal-vettura tal-għamla 'Citroen DS4' bix-Chassis Number VF7NXHNYMHY523780 targata 'HBV-495';

iii. Tikkudanna u tordna lis-soċjeta' rikonvenzjonata tirrifondi lir-rikonvenzjonant is-somma ta' erbat elef ewro (€4,000) jew somma oħra verjuri li tiġi likwidata fil-mori tal-proċeduri rappreżentanti l-ħlasijiet magħmula mir-rikonvenzjonant fir-rigward tal-akkwist tal-vettura tal-għamla 'Citroen D54' bix-Chassis Number VF7NXHNYMHY523780 targata 'HBV-495' kif ukoll għall-polza tal-assikurazzjoni u l-liċenzja relattivi:

iv. Tiddikiara u tiddeċiedi li s-soċjeta' rikonvenzjonata hija responsabbli għad-danni subiti mir-rikonvenzjonat b'riżultat tan-nuqqas tal-istess soċjeta' rikonvezjonata li tirrispetta l-obbliġi tagħha fir-rigward tal-bejgħ tal-vettura tal-għamla ‘Citroen DS4' bix-Chassis Number VF7NXHNYMHY523780 targata 'HBV-495';

v. Tiddikjara d-danni kollha sofferti mir-rikonvenzjonant, okkorendo bl-opera ta' periti nominandi;

vi. Tikkundanna lis-soċjeta' rikonvenzjonata biex tħallas lir-rikonvenzjonat id-danni kollha kif likwidati;

Rat ir-Risposta Ġuramentata ta’ No Deposit Cars Malta Limited (C-85780) għall-kontro talba ta’ Shawn Carmenu Domnic Mallia li permezz tiegħu eċċepiet illi :

1. Preliminarjament, l-ewwel, it-tieni u t-tielet talbiet tal-konvenut rikonvenzjonant huma preskritti bl-applikazzjoni tal-artikolu 1431 tal-Kap. 16;

2. Fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonant huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u għaldaqstant għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom bl-ispejjeż;

3. Il-kontro-talba mressqa mir-rikonvenzjonant ma hi xejn ħlief azzjoni fiergħa u vessatorja, immirata biss biex itawwal il-proċeduri odjerni u biex il-konvenut jevadi l-obbliġi kuntrattwali tiegħu wara li mingħajr ebda raġuni valida rritornha lura lis-soċjeta' rikonvenzjonata;

4. Fir-rigward it-tielet premessa tal-konvenut rikonvenzjonant dwar il-prezz patwit, jiġi rilevat illi l-prezz li ġie oriġinarjament miftiehem bejn il-partijiet kien ta' tmintax il-elf u tmien mitt ewro (€18,800) minn liema prezz ġie ridott l-ammont ta' elfejn ewro (€2,000) rappreżentanti l-valur tal-vettura Toyota Fun Carg li ġiet mgħoddija mill-konvenut rikonvenzjonant lis-soċjeta' esponenti. L-ammont ta' sittax il-elf u tmien mitt ewro (€16,800) hu għalhekk il-prezz rimanenti illi kellu jitħallas għall-akkwist tal-vettura Citroen DS4 illi ġie miftiehem u aċċettat bejn il-partijiet, hekk kif jirriżulta mill-kuntratt ta' Hire and Purchase tat-13 ta' Marzu 2019 (anness mar-Rikors Ġuramentat bħala Dok A);

5. Fir-rigward tar-raba' premessa tal-konvenut rikonvenzjonant, ma huwiex minnu illi l-konvenut rikonvenzjonant ħallas is-somma ta' elfejn ewro (€2,000) hekk kif qed jiġi premess;

6. Fir-rigward tal-ħames, is-sitt u seba' premessa tal-konvenut rikonvenzjonant, ma huwiex minnu illi l-vettura tal-għamla 'Citroen DS4' bin-numru tar-reġistrazzjoni HBV - 495 kienet afflitta u ġiet mibjugħa b'difetti gravi, okkulti u pre-eżistenti kif qed jiġi allegat mill-konvenut rikonvenzjonant u għalhekk ebda ammont ma hu dovut mis-soċjeta' rikonvenzjonata;

7. Għalhekk u b'żieda mas-suespost, ma huwiex minnu illi s-soejeta' rikonvenzjonata kisret il-kundizzjonijiet pattwiti bejn il-partijiet dwar il-bejgħ tal-vettura de quo u konsegwentement is-soċjeta' rikonvenzjonata m'hijiex obbliġata tirrifondi lura lir-rikonvenzjonant is-somma ta' erbat elef ewro (€4,000) indikata jew somma oħra verjuri;

8. ln kwantu għat-talba għad-dikjarazzjoni ta' responsabbilita' għad-danni, din it-talba hi nfondata fil-fatt u fid-dritt.

9. F'kull każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikonvenzjonant għandu jipprova d-danni allegatament subiti;

**Fatti:**

Il-konvenut akkwista l-vettura Citroen DS4 targata HBV 495 (hawn aktar 'il quddiem imsejħa 'il-Vettura') permezz ta' kuntratt tat-tip 'Hire and Purchase' datat 13 ta' Marzu 2019 (minn issa 'l quddiem riferit bhala l-"Kuntratt");

Il-partijiet qablu illi l-Vettura kellha tinxtara bil-prezz globali ta' €18,800 iżda pero', il-partijiet qablu wkoll illi l-ammont ta' €2,000 kien ser jitnaqqas mill-prezz wara li l-konvenut Mallia jbigħilhom il-vettura tiegħu Toyota Fun Cargo bħala forma ta' tpaċija[1], u li għalhekk il-prezz illi bih kellha tiġi akkwistata l-Vettura fl-intier tagħha kien ser ikun ta' €16,800. Il-partijiet qablu wkoll illi l-ammont ta' €16,800 kien ser jitħallas fuq medda ta' ħames (5) snin b'pagamenti mensili ta' €280 fix-xahar. Il-konvenut ikkonferma u tenna l-qbil tiegħu billi ffirma l-imsemmi Kuntratt, kif ukoll iffirma 'Payment Schedule'[2], li turi l-modalita' ta' pagamenti sakemm l-'Hirer' jasal għal-akkwist finali, kif wkoll iffirma individwalment, sittin (60) kambjala bil-valur ta' €280 kull waħda.[3] Il-Kuntratt ġie ffirmat mill-konvenut wara li ġie spjegat lilu, b'mod partikolari l-konsegwenza illi wieħed ikun inadempjenti fil-pagamenti dovuti;

Ir-rappreżentant/i u impjegat/i tas-socjeta' attriċi kkonfermaw illi l-konvenut kien in fatti għamel diversi pagamenti u ċioe' tliet pagamenti ta' mitejn u tmenin ewro (€280) 'il wieħed, kif ukoll ammont ta' mitejn u tletin ewro (€230). Inoltre kien diversi drabi nforma lis-soċjeta' attriċi illi kien ser ikollu jittardja fil-pagamenti dovuti[4];

Minkejja li ġie konċess diversi drabi li jittardja fil-pagamenti, il-konvenut beda jsir inadempjenti għal kollox sakemm naqas milli jottempra ruħu fil-ħlas għal diversi xhur wara xulxin. Luke Milton jixhed is-segwenti fir-rigward: -

> *Wara diversi xhur, u ċioe' f'Ottubru elfejn u dsatax (2019), wara li sadanittant komplejna nikkuntattjaw lil Shawn Mallia għall-pagamenti dovuti, jien infurmajtu illi f'nuqqas ta' mqar pagament ieħor, kien ser ikollna nipproċedu għall-ammont sħiħ.*

---

[1] Vide Affidavit ta' Luke Milton, ippreżentat fl-20 ta' Frar 2020.
[2] Dok. B mar-Rikors Ġuramentat.
[3] Dok. Ċ mar-Rikors Ġuramentat.
[4] ibid. (n. 1).

Wara d-diversi tentattivi tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jonora l-obbligi tiegħu, il-Vettura giet ritornata ġewwa s-*showroom* tas-socjeta' attrici mill-konvenut stess u dan kif jirrizulta mill-affidavit tas-sur Milton. Il-konvenut ma ta ebda raġuni għar-ritorn ta' tali Vettura u lanqas ma ġġustifika n-nuqqas tiegħu illi jħallas il-pagamenti mensili;

Irrizulta wkoll mix-xhieda ta' Luke Milton u Thorne Mangion, wara li l-Vettura ġiet ritornata mill-konvenut lis-soċjeta' attrici, din giet mibjugħa għall-prezz ridott ta' sebat elef u tmien mitt ewro (€7,800) lil terz (Keith Sciberras) bħala *tale quale*[5];

**Kontro-talba:**

Il-konvenut eċċepixxa [6], imbagħad talab, in via rikonvenzjonali, dikjarazzjoni li l-vettura li xtara kienet affetta minn difetti moħbija. Ma ġieb l-ebda prova in sostenn ta' din l-eċċezzjoni. Dwar il-kontro-talba, l-attriċi teċċepixxi d-dekadenza ta' sena ex-Art. 1431 tal-Kodiċi Ċivili.

Dwar il-mument illi fih ġiet ikkonsenjata l-Vettura, irriżulta illi wara l-ewwel konsenja tal-Vettura lill-konvenut l-istess vettura ttieħdet għal 'spraying' kif ġie mitlub mill-istess konvenut. Din ġiet ritornata lura lill-konvenut wara li tlestew ix-xogħlijiet fil-5 ta' Mejju 2019;[7]

Għalhekk anke li kieku wieħed kellu jikkunsidra illi l-Vettura ġiet kkunsinjata lill-konvenut f'Mejju tas-sena 2019, l-istess konvenut kellu jressaq il-pretensjonijiet tiegħu f'Novembru tal-istess sena;

**Kunsiderazzjonijiet legali:**

Jirriżulta li l-konvenut irritorna l-vettura mingħajr ebda raġuni legali.

Skont il-kuntratt: -

*"Without prejudice to any rights that the Owner may have according to law, the parties agree that in case of:*

[5] ibid., (n.1), Dok. LM4.
[6] Para 4 tar-risposta ġuramantata a fol 44
[7] Affidavit ta' Conrad Bezzina, paras. 3 u 4.

*1. Default in the punctual payment of any three (3) instalments by the Hirer, whether consecutive or not, and whether or not the Hirer is called upon by the Owner by any means to affect payment;*

...

*the Owner shall demand immediate payment of the outstanding balance including all interest due till date of effective payment, all other fees and charges that may have accrued and all other expenses the Owner may have incurred, including towage costs and legal expenses."*[8]

*"... the Owner shall be entitled to request the Hirer, who shall comply therewith, to restore immediate possession of the Motor Vehicle to the Owner, without prejudice to any claim for damages, saving wear and tear consistent with the period of use. Furthermore, the Owner shall be entitled to claim the difference between the outstanding balance due by the Hirer in terms of this agreement and the price of the Motor Vehicle as resold after possession is restored in terms of this sub-clause*[9]*, without prejudice to any charges, fees and interest accrued.*[10]

Jirriżulta li l-attur kiser il-kundizzjonijiet tal-kuntratt billi baqa' moruż f'iktar minn tliet pagamenti u in fatti s-soċjeta' attriċi eżerċitat dan ir-rimedju u biegħet il-Vettura bi prezz ridott wara li ħadet in kunsiderazzjoni illi l-konvenut kien għamlet użu mill-istess Vettura għal-diversi xhur;

**Eċċezzjoni t'arrikkiment inġust.**

Permezz tat-tielet paragrafu tar-risposta ġuramentata tiegħu, il-konvenut iressaq l-eċċezzjoni tal-arrikkiment inġust. L-istitut tal-arrikkiment indebitu iżda jissussisti biss fl-assenza ta' azzjoni oħra stabbilita mil-liġi. Għalhekk din l-eċċezzjoni mhix sejra tiġi milqugħa.

**Decide:**

[8] Klawżola 7.1

[9] Enfasi mizjuda mis-socjeta' attrici.

[10] Klawżola 7.2

Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

1. Tiddikjara li l-ewwel kontro-talba tal-konvenut hija preskritta jew aħjar dekaduta ex-Art. 1431 tal-Kodiċi Ċivili.

2. Konsegwentement tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet l-oħrajn fil-Kontro-Talba tal-konvenut.

3. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut safejn mhumiex kompatibbli ma' din is-sentenza.

4. Tilqa' l-ewwel talba tal-attriċi billi tiddikjara li l-konvenut kiser l-kuntratt ta' *Hire and Purchase* datat tlettax (13) ta' Marzu tas-sena elfejn u dsatax (2019) bejn il-partijiet (Dok. 'A');

5. Tilqa' t-tieni talba tal-attriċi billi tiddikjara li a tenur tal-Klawsola 7.1 tal-kuntratt ta' *Hire and Purchase* bejn il-partijiet (Dok. 'A'), il-konvenut iddekada mill-benefiċċju tat-terminu tal-bilanċ tal-prezz dovut fuq il-bejgħ tal-Vettura Citroen DS4 bix-Chassis number VF7NXHNYMHY523780 targata HBV495;

6. Tilqa' t-tielet talba tal-attriċi billi tiddikjara li l-konvenut huwa debitur tas-soċjeta` rikorrenti fl-ammont ta' tmient elef, mitejn u ghaxar centezmi (€8,210) rappreżentanti bilanċ dovut skont il-kuntratt ta' *Hire and Purchase* tat-tlettax (13) ta' Marzu tas-sena elfejn u dsatax (2019) (Dok. 'A');

7. Tilqa' r-raba' talba tal-attriċi billi tikkundanna lill-konvenut biex iħallas lis-soċjeta' rikorrenti l-ammont ta' tmint elef, mitejn u ghaxar centezmi (€8,210).

Bl-ispejjeż kemm tat-talba kif ukoll tal-kontrotalba a kariku tal-konvenut u bl-imgħax legali sad-data tal-pagament finali.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA